# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.1

**Kap 5: Ngħix ma' kulħadd**

**Lezzjoni 5.1: Int u jien għandna bżonnijiet differenti**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu x'jagħmilna bnedmin.
2. Jagħrfu li l-bnedmin għandhom bżonnijiet differenti differenti.
3. Jiddiskutu permezz ta' eżempji, esperjenzi ta' nies b'karattri li jistgħu jagħmlu l-ħajja diffiċli.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- karti bojod u kuluri
- Interactive White board
- Preżentazzjoni bil-ppt (X'karattru għandek? - 6.1)
- L-istorja: 'Tifel ġdid fil-Klassi' (fuq il-ppt)
- Kanzunetta: *Everyone is Different*

  http://www.youtube.com/watch?v=U5a3QyqJ0eM.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lit- tfal (u din bħala reviżjoni) x'jaħsbu li jagħmilna dak li aħna, li jagħmilna bnedmin.



- Ħalli lit-tfal jgħidu dak li jħossu. Ikun tajjeb kieku dak li jingħad jinkiteb.

5. Saqsi lit-tfal jekk qattx ġralhom bħat-tifel tal-istorja (i.e. jekk iltaqgħux ma' nies b'karattru daqsxejn diffiċli) u x'għamlu. Tista' tagħti eżempji ta' sitwazzjonijiet oħra.
6. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.1 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jiddiskutu Attività 1 u jimmarkaw fil-post it-tajjeb.
7. Stieden lit-tfal jiddiskutu Attività 2 u wara li tfakkar li Ġesù jridna ngħixu sew ma' kulħadd, stieden lit-tfal jimmarkaw it-tajba.
8. Asal għal Attività 3. Qajjem diskussjoni dwar il-karattri tagħna u kif nistgħu ngħinu lil xulxin biex insiru aħjar.
9. Agħlaq billi t-tfal jagħmlu t-talbiet tagħhom.
10. Spiċċa bis-song 'Everyone is Different'. http://www.youtube.com/watch?v=U5a3QyqJ0eM.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Għaddi għas-*slide* bil-kliem li għandu x'jaqsam ma' karattri differenti. Aqra l-kliem.
2. Qabbad tfal differenti biex jikklassifikaw il-karatteristiċi f'żewġ gruppi: 'Tajbin' u 'Mhux tajbin'.
3. Imbagħad għaddi għall-istorja. Aqra l-istorja 'Tifel ġdid fil-klassi'.
4. Issir diskussjoni fuq l-istorja. Iddiskuti l-mistoqsijiet (li qegħdin fuq il-*powerpoint*) bħala klassi sħiħa. *Dawn il-mistoqsijiet jgħinu lit-tfal jirriflettu aktar fuq il-fatt li aħna mdawrin b'nies li jista' jkun li jkollhom karattru differenti minn tagħna.*

- Saqsi lit-tfal jekk qattx ġralhom bħat-tifel tal-istorja (i.e. jekk

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Aħna persuni uniċi b'karattri differenti.



2. Fid-dinja se niltaqgħu ma' nies li għandhom karattru differenti minn tagħna. Lil dawn għandna nirrispettawhom u naċċettawhom.

3. Bħal Ġesù rridu nħobbu lil kulħadd.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħrfu li kulħadd għandu l-karattru tiegħu u juru rispett lejn kulħadd, hu kif inhu.



## Niċċelebraw flimkien xi kant / drama / DVD ecc

- Kanzunetta: 'Everyone is Different'
  http://www.youtube.com/watch?v=U5a3QygJ0eM



**Nitolbu**

Mulej Ġesù, grazzi talli għamiltni persuna unika. Kompli għinni ntejjeb l-affarijiet sbieħ li għandi fil-karattru tiegħi.

